**17 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Annetto Said et.

**Attruppament — Storbju — Art. 68 u 353 (bb) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' nies ta' aktar minn għaxra, bl-iskop li jikkommettu reat, jirrendi ruħu ħati ta' attruppament; u jekk ir-reat kontemplat jiġi fil-fatt kommess, l-attruppament isir aggravat, u jiġi punit b'piena akbar.*

*Jekk il-ħsieb tal-attruppanti k'en dak li jiddisturbaw l-ordni u l-paċi publika, u fil-fatt din il-kontravvenzjoni tiġi kommessa, mhix aċċettabbli s-sottomissjoni tal-imputat illi d-disturb stess jikkostitwixxi l-att materjali tal-attruppament, u li għalhekk ma jistgħax l-istess fatt jiġi dedott darbtejn, darba bħala element materjali tal-attruppament u mbgħad bħala r-reat kommess, biex tiġi applikabbli l-kwalifika tal-attruppament u l-piena akbar komminata għall-każ tal-aggravament. Din is-sottomissjoni kienet tkun talvolta aċċettabbli kieku si trattava tal-kontravvenzjoni ta' storbju fis-sens li jiġi miksur il-mistrieħ tan-nies; iżda r-reat ta' ksur tal-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku jirriżolvi ruħu f'dawk l-attijiet li jiddiminwixxu l-opinjoni tas-sikurezza ndividwali, u jikkostitwixxu għalhekk vjolazzjoni tal-ordni publiku.*

*Fil-każ preżenti, appuntu l-attijiet tal-imputati u oħrajn skwotew l-opinjoni tas-sikurezza publika, tant di fronti għall-awtorità, kemm di fronti għall-individwi oħra; u kien "dan" ir-reat li għall-kommissjoni tiegħu kien intiż l-attruppament, u li bil-fatti żvolti fl-attruppament ġie fil-fatt konsumat.*

Il-Qorti:— Rat ir-rinviju tal-Attorney General tal-30 ta' Jannar 1958, li bih l-imputati ġew rinvijati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta'

Kriminali Ġudikatura, biex jirrispondu għall-ħtija li tista' tirriżulta kontra tagħhom taħt dak li hemm maħsub fl-art. 68(2) (3) tal-Kodiċi Kriminali b'riferenza għall-art. 352 (bb), 352 (ċċ) ), 353(1) (d) (e), 161 u 163 (1) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat in-nota tal-istess Attorney General tat-30 ta' Jannar 1958, li biha dak l-uffiċjal irrinunzja rigward l-imputati kollha għall-akkuża ndikata fl-art. 68(2) (3) b'riferenza għall-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputati;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Marzu 1958, li biha sabet lill-imputati ħatjin talli ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' nies ta' aktar minn għaxra b'l-iskop li jiddisturbaw l-ordni publiku u l-paċi publika, u li din il-kontravvenzjoni saret; u sabet ukoll lill-imputat Giuseppe Camilleri ħati anki talli ndaħal fid-dmirijiet tal-Pulizija; u kkundannat lill-imputati fuq imsemmijin, ċjoè Annetto Sa'id, Gio Andrea Bonnici, Giuseppe Camilleri, u Michele Muscat, għall-priġunerija għal żmien tnejn u tletin ġurnata: u peress illi jirriżulta, mill-kopja tas-sentenza fil-fol. 62. li Annetto Said kien ġie misjub ħati mill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina ta' serq kwalifikat bil-mezz u bil-ħin, b'sentenza tas-7 ta' Diċembru 1954. u ġie liberat taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u peress illi d-delitt li tiegħu ġie issa misjub ħati ġie kommess fil-kors tal-preskrizzjoni għal dak id-delitt ta' serq. u b'hekk dan Said kiser l-obligazzjoni minnu assunta. irrimettiet lill-imsemmi Annetto Said quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina għat-termini tal-art. 520 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputati fuq imsemmija, ċioè Annetto Said, Gio Andrea Bonnici. Giuseppe Camilleri. u Michele Muscat, appellaw u talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-mezzi defensjonali huma spjegati fil-verbal fol. 177;

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi, u, kwantu għall-fatti, sabet li l-indikazzjoni tal-*addebiti* kontenuta fis-*sentenza* appellata għak-kariku ta' kull wieħed mill-appellanti, hi eżatta. Dwar daqshekk ma jistgħax ikun hemm dubju, anki wara li l-ġudikant iżomm quddiem għajnejh, kif sewwa wissiet l-Ewwel Qorti, l-osservazzjoni tal-Altavilla dwar il-possibbiltà ta' impressjonijiet żbaljati fid-"*delitti di folla*";

Dwar id-deduzzjoni "in diritto", kontenuta fl-imsemmi verbal, id-difensuri spjegaw li r-reat kommess (għall-finijiet tat-tielet subart. tal-art. 68) kien dak ta' disturb tal-ordni publiku, iżda li dan id-disturb stess jikkostitwixxi l-att *materjali* tal-attruppament, u għalhekk ma jistgħax l-istess fatt jiġi dedott darbtejn — darba bħala element materjali tal-attruppament, u mbgħad bħala r-reat kommess — biex jirrendi applikabbli t-tielet, f'lok it-tieni subartikolu tal-art. 68 Kap. 12;

Dan l-argument kien ikun talvolta aċċettabbli kieku si trattava tal-kontravvenzjoni ta' storbju fis-sens li jiġi miksur il-mistrieħ tan-nies; iżda r-reat kontemplat fl-art. 353 (bb) Kap. 12 ma hux dak biss, imma jirriżolvi ruħu f'dawk l-attijiet li jiddiminwixxu l-opinjoni tas-sikurezza ndividwali, u li jikkostitwixxu għalhekk vjolazzjoni tal-ordni publiku, kif kien appuntu l-każ preżenti, li fih l-attijiet talimputati odjerni u oħrajn skwotew appuntu l-opinjoni tas-sikurezza publika, tant di fronti għall-awtorità kemm di fronti għall-individwi oħra. Kien "dan" ir-reat li għall-kommissjoni tiegħu kien intiż l-attruppament, u li, bil-fatti żvolti fl-attruppmanent, ġie fil-fatt konsumat (App. Krim. 10 ta' Ġunju 1890, "Pul. vs. Paolo Bueja et.");

Kwantu għall-mitigazzjoni tal-piena;

Dwar il-mitigazzjoni tal-piena, mitluba "in subordine", il-Qorti ma tħossx li hemm raġunijiet biex tiġi ridotta l-piena nflitta;

Għalhekk, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-erbgħa mputati, u tikkonferma fil-konfront tagħhom is-sentenza appellata.